MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 1555/2001/1

**Francis X. Darmanin MD**
**Vs**
**Elizabeth Said**

**It-Tribunal,**

**Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fit-22 ta' Novembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' erbgha mija u hamsin lira Maltija (LM450) dovuta bhala dritt ghal servizzi ta' kirurgija rezi lill-konvenuta fuq ordni taghha stess. Is-servizzi msemmija jigu deskritti aktar dettaljatament meta l-attur jigi rilaxxat jaghmel dan mill-konvenuta.**

**Qeghdin jintalbu wkoll l-ispejjez, inkluzi dawk taz-zewg ittri interpellatorji datati 20 t'Awissu, 2001 u 14 ta' Settembru, 2001, kif ukoll l-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fl-1 ta' Marzu, 2002, fejn intqal illi l-konvenuta tirrespingi il-pretensjoni ta' l-attur ghall-hlas ta' erbgha mija u hamsin lira Maltin u l-ispejjez fit-totalita' taghha, bhala infondata fil-fatt u fid-dritt u b'hekk mhux dovuta, ghaliex:**

**Wara li l-attur kien ftiehem maghha u obbliga ruhu li jaghmlilha operazzjoni ta' 'facelift', kif specifikament mitlub minnha, irrizulta bl-intervent kirurgiku tieghu tad-19 ta' Lulju, 2001, illi effettivament ma kienx wettaq operazzjoni miftehma ta' 'facelift' u dana bi ksur ta' ftehim.**

**Bl-ispejjez tal-prezenti u ta' l-ittra legali tat-22 t'Awissu, 2001, u tal-31 t'Awissu, 2001.**

**Sema' x-xiehda u ezamina id-dokumenti inkluz ir-rapport mediku;**

**Ikkunsidra;**

**Illi l-kontestazzjoni tal-konvenuta tirrigwardja l-allegat nuqqas ta' l-attur li jesegwixxi l-inkarigu lilu moghti minnha skond ix-xewqat taghha.**

**Illi d-divergenza hija f'dan il-kuntest ghax hi tallega li l-attur ma ghamilx dak li suppost li kien minnu rikjest skond l-esigenzi taghha.**

**Illi l-esponent mediku nkarigat ghal dan il-ghan mit-Tribunal ikkonkluda li l-attur ezawrixxa kif suppost l-inkarigu tieghu kif profesjonalment: ghandu jigi rilevat li donnu il-konvenuta trid taghti x'tifhem li hija tifhem aktar minn dawk li jahdmu u jifhmu f'dan il-kamp.**

**Illi r-rapport mediku ma giex bl-ebda mod kontestat mill-konvenuta u/jew saret xi talba ghal periti addizzjonali.**

**It-Tribunal jaghmel tieghu l-istess rapport u jadopera l-konkluzjonijiet hemm kontenti. Aktar u aktar meta l-ispecjalista Taljan (Orlandi) ikkonferma x-xoghol ta' l-attur.**

**Jiddeciedi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna thallas lill-attur is-somma ta' erbgha mija u hamsin lira Maltin (LM450) bl-ispejjes u bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------